*18 t'Awwissu 2013*
95/2013

# KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TAL-KALKARA

L-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. ħatar lil Fr Ronnie Zammit bħala kappillan tal-parroċċa ta' San Ġużepp, il-Kalkara.

Fr Ronnie Zammit twieled Ħ'Attard fid-9 ta' Marzu 1982. Huwa rċieva l-edukazzjoni tiegħu fl-iskola primarja r-Rabat, fis-Seminarju tal-Arċisqof, u fil-Junior College (6th Form). Huwa kompla l-istudji terzjarji fil-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università ta' Malta.

Fr Ronnie ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Lulju 2009, u beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa ta' Sant Elena Birkirkara. Matul dan l-aħħar tlett snin kien viċi-kappillan fil-Parroċċa ta' Ħal Tarxien.

Il-parroċċa tal-Kalkara tiġbor fiha madwar 3,010 persuna f' 900 familja.